**Parlament Ewropew**
2014 - 2019

*Kumitat għas-Sajd*

**2015/2092(INI)**

18.09.2015

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar PKS ġdida: struttura tal-miżuri tekniċi u l-pjanijiet multiannwali (2015/2092(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Gabriel Mato

## WERREJ

**Numru tal-Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................9

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar PKS ġdida: struttura tal-miżuri tekniċi u l-pjanijiet multiannwali (2015/2092(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013, dwar il-politika komuni tas-sajd, u, b'mod partikolari, l-Artikoli 7(2), 9 u 10 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8–0000/2015),

A. billi mill-2009 bilkemm sar progress fil-fajlsleġiżlattivi kemm dwar il-miżuri tekniċi kif ukoll dwar il-pjanijiet multiannwali minħabba li, minn naħa waħda, il-proposti tal-Kummissjoni dwar dawn il-pjanijiet kienu joħolqu frizzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet Ewropej rigward is-setgħat rispettivi tagħhom fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet minħabba l-Artikolu 43 tat-TFUE, u li, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-miżuri tekniċi, id-diffikultajiet kienu dovuti għall-allinjament mat-Trattat ta' Lisbona;

B. billi r-riforma tal-politika komuni tas-sajd (PKS) fost l-għanijiet tagħha inkludiet il-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY), permezz ta' approċċ ekosistemiku, u li l-miżuri tekniċi u l-pjanijiet multiannwali, u fl-istess ħin il-miżuri ta' konservazzjoni, huma l-għodda prinċipali biex jgħinu biex jintlaħqu dawn l-għanijiet;

C. billi fost il-modifiki prinċipali introdotti mar-riforma tal-PKS tal-2013 hemm ukoll l-eliminazzjoni ta' ħut skartat u r-reġjonalizzazzjoni;

D. billi bħalissa l-miżuri tekniċi għandhom sistema kumplessa, eteroġena u diżorganizzata ta' dispożizzjonijiet li spiss ma jkunux koerenti u saħansitra jkunu kontradittorji u barra minn hekk huma diffiċli biex jinftiehmu mis-settur tas-sajd;

E. billi l-kumplessità tal-miżuri tekniċi u d-diffikultajiet assoċjati, kif ukoll in-nuqqas ta' riżultati pożittivi tanġibbli tal-PKS u n-nuqqas ta' inċentivi kkontribwew għall-ħolqien ta' nuqqas ta' fiduċja fost is-sajjieda;

F. billi r-reviżjoni tal-miżuri tekniċi għandu jkollha l-għan li ttejjeb is-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd mingħajr ma tipperikola l-vijabbiltà ekonomika tal-attività tas-sajd, u tibbaża ruħha fuq bażijiet xjentifiċi solidi;

G. billi l-projbizzjoni ta' ħut skartat u l-għan tar-rendiment massimu sostenibbli jeħtieġu titjib fis-selettività tal-irkaptu;

H. billi l-projbizzjoni ta' ħut skartat timplika bidla radikali fl-approċċ għall-ġestjoni tas-sajd, fejn huwa meħtieġ li jiġu indirizzati b'mod distint ħafna l-miżuri tekniċi f'oqsma ewlenin, bħall-kompożizzjoni tal-qabdiet;

I. billi n-nuqqas ta' pożizzjoni mill-Kunsill impedixxa l-allinjament tal-leġiżlazzjoni tal-miżuri tekniċi mat-Trattat ta' Lisbona u li, wara r-riforma tal-PKS, dan l-imblokk jidher li ġie solvut permezz ta' atti delegati adottati mill-Kummissjoni fuq proposta tal-Istati Membri;

J. billi d-definizzjoni tal-prinċipji bażiċi komuni għall-baċiri kollha permezz ta' regolament strutturali, adottat b'kodeċiżjoni ("proċedura ordinarja", skont it-Trattat ta' Lisbona), hija meħtieġa biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali bejn l-operaturi u biex tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-miżuri tekniċi;

K. billi mhuwiex meħtieġ li tintuża l-kodeċiżjoni għall-miżuri ta' ambitu reġjonali jew li huma suġġetti għal bidliet frekwenti, iżda huwa meħtieġ li din tinżamm għall-istandards komuni għall-baċiri kollha tal-baħar jew għal dawk li mhumiex se jinbidlu f'perjodu raġonevoli ta' żmien;

L. billi r-reġjonalizzazzjoni tista' tiżgura li l-istandards jiġu adattati għall-ispeċifiċitajiet ta' kull żona tas-sajd u ta' kull baċir, billi jagħtu flessibbiltà u jagħmlu possibbli reazzjoni mgħaġġla f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

M. billi r-reġjonalizzazzjoni tista' tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-fehim tal-istandards, li għaldaqstant jintlaqgħu tajjeb mis-settur tas-sajd, speċjalment jekk jiġu assoċjati mal-proċess ta' adozzjoni tagħhom stess;

N. billi r-reġjonalizzazzjoni m'għandhiex twassal għal nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid, peress li dan mhuwiex kompatibbli mal-PKS, bħala politika komuni fejn l-UE għandha l-kompetenza esklużiva minħabba n-natura kondiviża tar-riżorsi;

O. billi l-adozzjoni tal-miżuri tekniċi fuq il-bażi tar-reġjonalizzazzjoni għandha ssegwi mudell miftiehem mill-koleġiżlaturi fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd ġdida, jiġifieri, l-adozzjoni ta' atti delegati mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti mill-Istati Membri kkonċernati;

P. billi ċerti proposti ta' regolamenti speċifiċi li fihom miżuri tekniċi (għażel tat-tisqif, qabdiet aċċidentali ta' ċetaċji, projbizzjoni fuq it-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar abbord jew sajd f'ibħra fondi) ħolqu kontroversji; xi proposti - bħal dik tas-sajd ta' stokkijiet ta' ħut ta' ibħra fondi fl-Atlantiku tal-Grigal - ġew imblukkati għal aktar minn tliet snin; il-proċedura dwar is-sajd bl-għażel tat-tisqif hija wkoll imwaqqfa u xi kultant, Regolamenti speċifiċi dwar miżuri tekniċi ġew miċħuda mill-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd , bħalma huwa l-każ tat-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar abbord il-bastimenti;

Q. billi l-miżuri tekniċi fis-seħħ għall-Mediterran mhux dejjem jiġu adattati għall-ħtiġijiet taż-żoni tas-sajd lokali differenti;

R. billi l-baċir tal-Mediterran għandu karatteristiċi differenti ħafna mill-bqija tal-baċiri tas-sajd komunitarji, li għandu jitqassam bejn pajjiżi terzi li għandhom standard ta' konservazzjoni differenti ħafna minn dawk Ewropej;

S. billi l-effettività tal-pjanijiet multiannwali adottati bejn l-2002 u l-2009 kienet irregolari u, b'mod ġenerali, l-agħar riżultati ġew assoċjati mal-ineffettività ta' ċerti strumenti u

ma' dgħjufijiet fil-kontroll;

T. billi r-riforma tal-PKS introduċiet l-obbligu tal-ħatt l-art mingħajr ma ġew solvuti r-riġiditajiet inerenti fis-sistema tat-TAC u l-kwoti;

U. billi huma mistennija diffikultajiet fl-applikazzjoni tal-projbizzjoni ta' ħut skartat fiż-żoni tas-sajd imħallta li għandhom speċijiet ta' taħżim ("speċijiet bi kwota limitanti"), u huwa raġonevoli li fil-pjanijiet multiannwali jiġu privileġġati strumenti bħar-regolament tal-isforz tas-sajd, li ma jippreżentawx ir-riġiditajiet tas-sistema tat-TAC u l-kwoti, u li jiffaċilitaw il-kisba tal-għan tar-rendiment massimu sostenibbli, fejn itejbu r-riżultati ekonomiċi tal-flotta għal mortalità tas-sajd partikolari;

V. billi wara t-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament Ewropew huwa koleġiżlatur fir-rigward tas-sajd, bl-eċċezzjoni tat-TAC u l-kwoti;

W. billi mill-2009 ma ġie adottat l-ebda pjan multiannwali bħala konsegwenza tal-imblokk tal-proposti fil-Kunsill;

X. billi taħt il-grupp ta' ħidma ("task force") interistituzzjonali dwar il-pjanijiet multiannwali, il-koleġiżlaturi rrikonoxxew l-importanza li jaħdmu flimkien sabiex isibu mod prammatiku biex jimxu 'l quddiem fil-pjanijiet multiannwali filwaqt li jqisu l-opinjonijiet differenti dwar l-interpretazzjoni tal-qafas legali;

Y. billi l-pjanijiet multiannwali għandu jkollhom qafas solidu u dejjiemi għall-ġestjoni taż-żoni tas-sajd; li għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar u l-aktar pariri xjentifiċi u soċjoekonomiċi riċenti disponibbli, u li għandhom ikunu flessibbli biex jiġu adattati għall-evoluzzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u fir-rigward tat-teħid ta' deċiżjonijiet annwali dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd;

Z. billi fil-grupp ta' ħidma interistituzzjonali dwar il-pjanijiet multiannwali ġew identifikati bħala elementi komuni tal-pjanijiet multiannwali futuri l-għan tar-rendiment massimu sostenibbli u skeda sabiex jintlaħaq dan l-għan, punt ta' referenza ta' preservazzjoni għall-attivazzjoni tas-salvagwardji, mekkaniżmu ta' adattament għat-tibdiliet mhux previsti fil-konsulenza xjentifika u klawżola ta' reviżjoni;

AA. billi l-pjanijiet għandu jkollhom għan ġenerali li jista' jinkiseb permezz ta' miżuri ta' ġestjoni u li jkun appoġġat minn konsulenza xjentifika; li rendimenti għolja u stabbli għandhom jiffurmaw parti minn dan l-għan ġenerali, li għandu jkun rifless fid-deċiżjonijiet annwali tal-Kunsill dwar possibbiltajiet tas-sajd fid-dawl tal-aktar pariri xjentifiċi riċenti; li dawn id-deċiżjonijiet annwali m'għandhomx jaqbżu l-iskop strett tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, u għandhom jevitaw, fejn possibbli, varjazzjonijiet kbar fihom;

AB. billi s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kawżi C-103/12 PE/Kunsill u C-165/12 Kummissjoni/Kunsill, dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fl-ibħra tal-Unjoni Ewropea għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana ta' Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva 'l barra mill-kosta tal-Guyana Franċiża, tistabbilixxi preċedent billi tiċċara l-kontenut u l-limiti taż-żewġ bażijiet legali differenti li jinsabu fl-Artikolu 43 tat-TFUE, u li l-Artikolu 43(3) jista' jintuża biss bħala bażi legali għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet

tas-sajd, kif isir fl-hekk imsejħa regolamenti tat-TAC u l-kwoti;

AC. billi hija mistennija s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kawża C-124/13 PE/Kunsill dwar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1243/2012, li jistabbilixxi pjan fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz, fejn il-Parlament isostni li, minħabba l-għan u l-kontenut tiegħu, ir-Regolament kellu jiġi adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE, billi tintuża l-proċedura leġiżlattiva ordinarja mal-Parlament bħala koleġiżlatur; li l-Parlament huwa wkoll kontra d-diviżjoni tal-proposta tal-Kummissjoni, peress li l-Kunsill qasam il-proposta f'żewġ atti leġiżlattivi;

AD. billi l-progress li sar matul il-pjan multiannwali għall-Baltiku, fejn il-Kunsill aċċetta li jaħdem flimkien mal-PE sabiex jadotta l-għanijiet tal-mortalità tas-sajd;

AE. billi fin-nuqqas tal-pjanijiet multiannwali, il-pjanijiet għall-ħut skartat, adottati f'atti delegati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Istati Membri kkonċernati, jistgħu jemendaw id-daqs minimu ta' konservazzjoni;

AF. billi l-pjanijiet għall-ħut skartat għandu jkollhom rwol essenzjali, minħabba li emenda fid-daqsijiet minimi ta' konservazzjoni tista' twassal għal tibdil fit-tekniki tas-sajd u, għaldaqstant, jinbidlu wkoll il-mortalità tas-sajd u l-bijomassa ta' individwi li jrabbu, iż-żewġ għanijiet kwantifikabbli tal-pjanijiet multiannwali; billi l-emenda tad-daqsijiet minimi permezz ta' atti delegati se twassal għal tibdil tal-parametri prinċipali tal-pjanijiet multiannwali minn barra;

AG. billi x-xewqa tal-koleġiżlaturi kienet li dawn l-atti delegati jkollhom natura tranżitorja, għal perjodu li fl-ebda każ m'għandu jaqbeż it-tliet snin;

AH. billi għall-istess speċi, id-daqsijiet minimi ta' konservazzjoni jistgħu jvarjaw minn żona għal oħra biex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni tas-sajd u tat-tagħmir użat; u li, fejn huwa possibbli, huwa mixtieq li jiġu stabbiliti deċiżjonijiet orizzontali għaż-żoni kollha sabiex jiġu ffaċilitati l-kompiti ta' kontroll;

1. Jikkunsidra li l-miżuri tekniċi futuri għandhom jiġu ssimplifikati u rreġistrati f'qafas legali strutturat b'mod ċar u għandhom jiġu mfassla fuq bażijiet xjentifiċi solidi;

2. Huwa tal-fehma li hija meħtieġa reviżjoni tal-miżuri tekniċi, li tikkoreġi l-kumplessità u l-eteroġeneità tar-regoli attwali, ittejjeb il-bażi xjentifika tagħha u żżid il-koerenza tagħha u l-aċċettazzjoni mis-settur tas-sajd;

3. Iqis li, sa fejn ikun possibbli, il-miżuri tekniċi għandhom jiġu adattati għall-ispeċifiċitajiet ta' kull żona tas-sajd u kull reġjun, li jiżguraw livell ogħla ta' konformità mis-settur ikkonċernat;

4. Iqis li, biex jittejbu l-aċċettazzjoni u r-rispett tar-regoli tal-PKS mis-settur tas-sajd hija meħtieġa parteċipazzjoni akbar mis-sajjieda fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, kif ukoll jiġu pprovduti b'inċentivi, jittejbu l-għajnuniet maħsuba għall-innovazzjonijiet u għal selettività akbar tal-irkaptu;

5. Huwa tal-fehma li huwa meħtieġ li tinżamm il-kodeċiżjoni għall-adozzjoni ta' standards komuni għall-baċiri kollha tal-baħar jew għal dawk li mhumiex se jinbidlu fi żmien

perjodu raġonevoli ta' żmien;

6. Jemmen li mhuwiex meħtieġ li tintuża l-kodeċiżjoni għall-adozzjoni ta' miżuri ta' ambitu reġjonali jew li jistgħu jkunu suġġetti għal tibdiliet frekwenti;

7. Iqis li l-arkitettura tar-regolamentazzjoni dwar il-miżuri tekniċi għandha tiġi artikolata fuq tliet pilastri rregolati mill-kodeċiżjoni u r-raba' pilastru li jintuża mir-reġjonalizzazzjoni. L-ewwel tlieta għandhom jinkludu sett ta' standards komuni u ċentralizzati, sett ta' standards speċifiċi għall-baċiri tal-baħar l-aktar importanti, u ċertu numru ta' regolamentazzjonijiet tekniċi speċifiċi. Dawk il-miżuri kollha għandhom jiġu adottati permezz ta' kodeċiżjoni. Min-naħa l-oħra, ir-reġjonalizzazzjoni għandha tiġi applikata għall-istandards ta' ambitu reġjonali jew għal dawk suġġetti għal tibdiliet frekwenti;

8. Iqis li huwa meħtieġ li jiġu evalwati l-opportunità, l-effiċjenza u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi fuq il-flotot tal-UE tar-regolamenti speċifiċi bbażati fuq miżuri tekniċi, bħal dawk rigward l-għażel tat-tisqif, il-qabdiet aċċidentali ta' ċetaċji, il-projbizzjoni tat-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar abbord jew is-sajd f'ibħra fondi;

9. Huwa tal-fehma li hemm ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit sett koerenti ta' miżuri tekniċi operattivi għal kull wieħed mit-tliet baċiri prinċipali, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull wieħed minnhom, u speċjalment dak tal-Mediterran, fejn id-deċiżjonijiet komunitarji dwar dan il-qasam jista' jkollhom impatt importanti fuq il-kompetizzjoni bejn is-sajjieda Ewropej u l-flotta mhux komunitarja;

10. Isostni li, filwaqt li titqies il-projbizzjoni tal-ħut skartat, ir-regolament dwar il-miżuri tekniċi f'oqsma bħall-kompożizzjoni tal-qabdiet għandu jippreżenta biżżejjed flessibbiltà biex f'ħin reali jqis l-evoluzzjoni taż-żoni tas-sajd u l-progress fit-titjib tas-selettività tas-sajd;

11. Iqis li, fir-reviżjoni tal-miżuri tekniċi, għandu jitqies l-impatt tagħhom mhux biss dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi iżda dwar l-ispejjeż operattivi u l-profitti mill-attività tas-sajd;

12. Huwa tal-fehma li l-għan ta' konservazzjoni segwit mir-regolament dwar il-miżuri tekniċi jista' jissaħħaħ permezz ta' azzjonijiet maħsuba għat-titjib tal-ġestjoni tal-offerta u d-domanda permezz ta' konċentrazzjoni dejjem akbar tas-settur f'organizzazzjonijiet ta' produtturi, li għandu jippermetti l-ottimizzazzjoni tar-riżultati segwiti mir-regolament komunitarju;

13. Iqis li l-pjanijiet multiannwali jeħtieġ ikollhom rwol dejjem aktar rilevanti fil-PKS fir-rigward tal-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, peress li dawn jirrappreżentaw l-iktar mezz xieraq għall-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-miżuri tekniċi speċifiċi fil-livell reġjonali;

14. Jemmen li huwa meħtieġ li l-koleġiżlaturi jkomplu bl-isforzi tagħhom sabiex jilħqu ftehim dwar il-pjanijiet multiannwali dwar il-bażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE;

15. Jemmen li l-pjanijiet multiannwali għandu jkollhom qafas solidu u dejjiemi għall-

ġestjoni taż-żoni tas-sajd u għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar u l-aktar pariri xjentifiċi u soċjoekenomiċi riċenti disponibbli, fejn jiġu adattati għall-evoluzzjoni tal-istokkijiet u tiġi offruta flessibbiltà għat-teħid ta' deċiżjonijiet annwali mill-Kunsill dwar l-opportunitajiet tas-sajd; li dawn id-deċiżjonijiet annwali m'għandhomx jaqbżu l-ambitu strett tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, u għandhom jevitaw, fejn possibbli, varjazzjonijiet kbar fihom;

16. Isostni li huwa meħtieġ li jiġu mfassla l-pjanijiet multiannwali futuri biex jintlaħaq l-għan tar-rendiment massimu sostenibbli inkluż skeda predeterminata, punt ta' referenza ta' konservazzjoni għall-attivazzjoni tas-salvagwardji, mekkaniżmu ta' adattament għat-tibdil fil-pariri xjentifiċi, kif ukoll klawżola ta' reviżjoni;

17. Iqis li, biex jiġu evitati problemi li jirriżultaw mill-obbligu tal-ħatt l-art fiż-żoni tas-sajd imħallta, jidher li huwa raġonevoli li jiġi privileġġat ir-regolament tal-isforz tas-sajd, li ma jippreżentax ir-riġiditajiet tas-sistema tat-TAC u l-kwoti;

18. Huwa tal-fehma li huwa meħtieġ li tiżdied il-parteċipazzjoni mill-partijiet interessati fit-tfassil u l-iżvilupp tal-pjanijiet multiannwali permezz tal-Kunsilli Konsultattivi u fid-deċiżjonijiet kollha relatati mar-reġjonalizzazzjoni;

19. Iqis li l-Parlament Ewropew għandu jeżamina l-atti delegati relatati mal-pjanijiet għall-ħut skartat b'attenzjoni speċjali;

20. Iqis li l-validità tranżitorja tal-atti delegati relatati mal-pjanijiet għall-ħut skartat, inkluż l-emendi tad-daqsijiet minimi, fl-ebda każ m'għandh taqbeż il-limitu ta' tliet snin, u dawn għandhom jiġu sostitwiti, fejn ikun xieraq, minn pjan multiannwali, u li, għal dan l-għan, il-pjanijiet multiannwali għandhom jiġu adottati malajr kemm jista' jkun;

21. Huwa tal-fehma li d-deċiżjonijiet dwar id-daqsijiet minimi fil-qafas tar-reġjonalizzazzjoni għandhom jiġu adottati filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi evitata l-proliferazzjoni tagħhom f'kull speċi, peress li dan se jagħmel diffiċli l-kontroll u jista' jwassal għal irregolaritajiet jew frodi fil-kummerċjalizzazzjoni tal-merkanziji;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

1. Introduzzjoni

Fost l-għanijiet tar-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) imwettqa fl-2013 kien hemm il-kisba tar-Rendiment Massimu Sostenibbli (RMS), permezz tal-użu ta' approċċ ekosistemiku. Kemm il-miżuri tekniċi kif ukoll il-pjanijiet multiannwali, bħala miżuri ta' preservazzjoni, huma l-għodda prinċipali li bihom jistgħu jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Madankollu, mill-2009, bilkemm sar progress fil-fajls leġiżlattivi relatati kemm mal-miżuri tekniċi kif ukoll mal-pjanijiet multiannwali. F'dan l-aħħar każ, waslu għal imblokk interistituzzjonali. Dan l-imblokk irriżulta minħabba li l-proposti leġiżlattivi tal-pjanijiet multiannwali kienu jinkludu d-distribuzzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost ir-regoli ta' kontroll tal-qabdiet. B'dan kollu l-proposti tal-Kummissjoni kienu joħolqu frizzjonijiet minħabba l-Artikolu 43 tat-TFUE. Fil-każ tal-miżuri tekniċi, id-diffikultajiet kienu dovuti għall-allinjament tal-leġiżlazzjoni mat-Trattat ta' Lisbona.

2. Il-miżuri tekniċi

L-għan tal-miżuri tekniċi huwa li jiġu evitati l-qabdiet ta' ħut li għadu qed jikber u qabdiet oħra sekondarji. Fil-prinċipju tagħha, il-bażi tas-sistema hija magħmula minn tliet regolamenti li jsegwu loġika ġeografika (il-Baltiku, il-Mediterran u l-Atlantiku u ibħra oħra). Il-miżuri tekniċi huma sett speċifiku ta' regoli, iżda xi kultant jiffurmaw parti minn sett usa' ta' strumenti ta' ġestjoni, bħall-pjanijiet multiannwali. Hemm ukoll regolamenti speċifiċi, bħal dak tal-projbizzjoni tal-għażel tat-tisqif, il-prevenzjoni tal-qabdiet aċċidentali ta' ċetaċji jew il-projbizzjoni tat-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar abbord. Għaldaqstant il-miżuri tekniċi huma mifruxa f'aktar minn tletin regolament differenti u jikkostitwixxu sistema kumplessa, eteroġena u diżorganizzata ta' dispożizzjonijiet, li spiss għandhom nuqqas ta' koerenza u saħansitra jistgħu jkunu kontradittorji.

Il-kumplessità tal-miżuri tekniċi hija parzjalment minħabba li ġew adottati taħt proċeduri leġiżlattivi differenti u jwieġbu għal motivazzjonijiet differenti. Uħud mill-miżuri tekniċi kienu promossi mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (OROP). F'okkażjonijiet oħra, ġew adottati fil-kuntest tar-Regolamenti annwali tat-TAC u l-kwoti. Madankollu ħafna mill-miżuri tekniċi ġew adottati mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni wara l-proċedura tal-komitoloġija, qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u mingħajr il-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Parti mill-eteroġeneità u n-nuqqas ta' koerenza tal-miżuri tekniċi hija minħabba li ħafna minnhom ġew approvati progressivament mill-Kunsill bħala parti mir-regolamenti annwali li jistabbilixxu l-qabdiet totali permissibbli (TAC) u l-kwoti. Uħud mill-miżuri tekniċi huma għaldaqstant il-prodott tan-negozjati politiċi interstatali, b'bażi xjentifika baxxa u li joħolqu differenzi mhux ġustifikati bejn l-ibħra. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-miżuri differenti tat-TAC u l-kwoti għandhom jiġu adottati b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Il-fokus ġeografiku tal-miżuri tekniċi huwa rifless b'mod ċar fit-trattament differenzjat applikat fil-każ tal-Mediterran. F'dan il-każ, ġie adottat biss sett bejn wieħed u ieħor koerenti

ta' miżuri fl-2006. Madankollu, il-Kunsill Konsultattiv tal-Mediterran ripetutament talab ir-reviżjoni ta' ċerti miżuri tekniċi. Ta' min wieħed jinnota li l-Kummissjoni, fl-istudju riċenti tagħha dwar il-miżuri tekniċi[1] ma inkludietx il-Mediterran minħabba l-kumplessità tiegħu.

Parti mill-miżuri tekniċi tikkonsisti f'regolamenti speċifiċi. Il-proċedura leġiżlattiva ta' ħafna minnhom ħolqot kontroversji. B'mod speċjali, il-proposta dwar is-sajd ta' stokkijiet ta' ibħra fondi fl-Atlantiku tal-Grigal[2] ġew imblukkata għal aktar minn tliet snin. Il-proċedura dwar is-sajd bl-għażel tat-tisqif[3] hija mwaqqfa wkoll. Dawn id-diffikultajiet u l-kontroversji jwieġbu għall-kontenut tal-proposti. F'xi każijiet, bħal dak tat-tneħħija tax-xewk tal-klieb il-baħar abbord il-bastimenti[4], ir-regola ġiet miċħuda mill-OROP, fejn il-flotta tal-Unjoni Ewropea tkun qiegħda f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ fir-rigward ta' dawk ta' pajjiżi terzi. F'każijiet oħra, bħar-Regolament dwar il-qabdiet aċċidentali ta' ċetaċji[5], ikun meħtieġ li tiġi evalwata l-effikaċja tagħhom.

Min-naħa l-oħra, ir-regolamenti relatati mal-miżuri tekniċi fihom sensiela ta' eċċezzjonijiet u derogi u d-dispożizzjonijiet kollha ġew emendati. Pereżempju, ir-Regolament (KE) Nru 850/1998 ġie emendat erbatax-il darba. Il-kumplessità tal-miżuri tekniċi żdiedet ma' dawn l-emendi suċċessivi. Hemm numru ta' inkoerenzi u hemm nuqqas ta' definizzjoni ċara għall-oqsma rispettivi tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni, li jxekklu l-progress tad-dossiers leġiżlattivi. Konsegwentement, is-sett tal-miżuri tekniċi ilu jeħtieġ razzjonalizzazzjoni, simplifikazzjoni u adattament mat-Trattat ta' Lisbona.

Fl-2002 u l-2008 kien hemm tentattiv li jsiru reviżjonijiet tas-sett tal-miżuri tekniċi[6]. Wieħed mit-tentattivi falla u l-ieħor sar wieħed mill-ħafna emendi. Lanqas id-dossiers leġiżlattivi relatati mal-allinjamenti mat-Trattat ta' Lisbona tat-tliet Regolamenti ġeografiċi prinċipali ma mxew 'il quddiem.

F'Mejju 2014 il-Kummissjoni għalqet konsultazzjoni pubblika dwar "qafas ġdid ta' miżuri tekniċi fil-Politika Komuni tas-Sajd riformata". Ħafna mill-Istati Membri li wieġbu qiesu li kien meħtieġ li jiġu ssimplifikati l-miżuri tekniċi fejn jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali fejn huwa meħtieġ li jinżammu uħud mir-regoli taħt il-kodeċiżjoni u li l-livell ta' reġjonalizzazzjoni fit-tfassil tal-miżuri tekniċi għandu jiffoka fuq l-applikazzjoni prattika u għandhom jitqiesu l-attivitajiet ta' kontroll u ta' monitoraġġ. Il-parteċipanti tas-settur tas-sajd qiesu li huwa meħtieġ li jintuża approċċ minimalista fl-istruttura ġdida tal-miżuri tekniċi, fejn tiġi eskluża l-kodeċiżjoni tad-deċiżjonijiet inerenti tal-mikroġestjoni. Sadanittant, l-NGOs qiesu bħala meħtieġ qafas ġenerali ta' miżuri tekniċi li jkollhom l-għanijiet ġenerali u l-istandards komuni minimi li għandhom jiġu applikati fl-UE kollha sabiex jiżguraw li ma jiġux prodotti nuqqasijiet fil-ġestjoni u għalhekk, simplifikazzjoni m'għandhiex issir għad-detriment tal-protezzjoni tal-ambjent.

Fir-regolamentazzjoni futura dwar il-miżuri tekniċi il-kodeċiżjoni għandha tkun meħtieġa sabiex tiżgura kundizzjonijiet ugwali u biex tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-kontroll.

---

[1] Studju fl-appoġġ tal-iżvilupp ta' qafas ta' miżuri ġodda tekniċi ta' konservazzjoni f'PKS riformata (A study in support of the development of a new technical conservation measures framework within a reformed CFP). Nru tal-proġett: ZF1455_S02. 7 ta' Lulju 2014

[2] COM(2012)0371 finali - 2012/0179 (COD)

[3] COM(2014)0265 finali - 2014/0138 (COD)

[4] Regolament (UE) Nru 605/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013

[5] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004, tas-26 ta' April 2004

[6] COM(2002) 672 u COM(2008) 324

Sadanittant, ir-reġjonalizzazzjoni tista' tissimplifika l-ġestjoni, fejn tiżgura li l-istandards jiġu adattati għall-ispeċifiċitajiet ta' kull żona tas-sajd u ta' kull baċir, li jagħtu flessibbiltà u jagħmlu possibbli reazzjoni mgħaġġla f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; Barra minn hekk ir-reġjonalizzazzjoni tista' tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-fehim tal-istandards, li għaldaqstamt jintlaqgħu tajjeb mill-industrija, speċjalment jekk jiġu assoċjati mal-proċess ta' adozzjoni tagħhom stess; Madankollu reġjonalizzazzjoni assoluta mhijiex kompatibbli mal-PKS, bħala politika komuni fejn l-UE għandha l-kompetenza esklużiva minħabba n-natura kondiviża tar-riżorsi;

Għaldaqstant ma jidhirx li huwa meħtieġ li tintuża l-kodeċiżjoni għall-miżuri ta' qasam reġjonali jew li jistgħu jkunu suġġetti għal bidliet frekwenti, iżda huwa meħtieġ li tinżamm għall-istandards komuni għall-baċiri kollha tal-baħar jew għal dawk li mhumiex se jinbidlu f'perjodu raġonevoli ta' żmien.

L-arkitettura tar-regolamentazzjoni relatata mal-miżuri tekniċi għandha tiġi artikolata fuq tliet pilastri. Tlieta minnhom għandhom jinkludu sett ta' standards komuni u ċentralizzati, sett ta' standards speċifiċi għall-baċiri tal-baħar l-aktar importanti, u ċertu numru ta' regolamentazzjonijiet speċifiċi adottati permezz tal-kodeċiżjoni. Ir-raba' pilastru taħt ir-reġjonalizzazzjoni għandu jiġi applikat għall-istandards ta' ambitu reġjonali jew għal dawk suġġetti għal tibdiliet frekwenti;

3. Il-pjanijiet multiannwali

Il-vokazzjoni tal-pjanijiet multiannwali hija l-ġestjoni tal-ispeċijiet ewlenin ta' interess għas-sajd. Il-punt komuni tagħhom huwa l-istabbiliment ta' objettivi tal-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut f'termini ta' daqs tal-bijomassa ta' individwi li jrabbu u tal-mortalità tas-sajd. Bħalissa hemm ħdax-il pjan multiannwali b'varjetà fl-istrumenti użati. B'mod ġenerali, jintużaw il-qabdiet totali permissibbli (TAC), iżda jeżistu wkoll tipi differenti ta' strumenti bħall-miżuri tekniċi, restrizzjonijiet tal-isforz tas-sajd jew standards speċifiċi ta' kontroll.

Il-pjanijiet multiannwali ġew stabbiliti wara r-riforma tal-PKS tal-2002. Fost il-pjanijiet eżistenti, tnejn minnhom jirregolaw l-istokkijiet tal-ħut ġestiti mill-OROP, it-tonn aħmar u l-ħalibatt tal-Groenlandja, filwaqt li l-bqija jirregolaw stokkijiet tal-ħut f'ibħra komunitarji li jsewgu l-pariri tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Bejn l-2002 u l-2009 l-iżvilupp tagħhom kien miexi relattivament bil-mod, fejn ġiet irreġistrata evoluzzjoni fil-modalitajiet tagħhom. Mill-2009 ma ġie adottat l-ebda pjan, bħala konsegwenza ta' imblokk tal-proposti fil-Kunsill;

L-effikaċja tal-pjanijiet multiannwali ma kinitx ugwali. B'mod ġenerali, l-agħar riżultati ġew assoċjati mal-ineffikaċja tal-mekkaniżmi ta' tnaqqis tal-isforz tas-sajd u man-nuqqasijiet fil-kontroll. Għandu jiġi mfakkar li l-ġestjoni tal-flotta u għaldaqstant, tal-kapaċità attwali tas-sajd tilfet il-piż fil-PKS. Minkejja li l-kriżijiet differenti kkawżaw tnaqqis importanti fil-flotta, it-tnaqqis tal-kapaċità tas-sajd kienet ħafna inqas.

Minkejja l-importanza tagħhom, bilkemm saru magħrufa żviluppi fl-aħħar snin bħala konsegwenza tal-imblokk interistituzzjonali li ġej mid-differenzi ta' interpretazzjoni ta' dawk tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bażi legali li għandha tintuża fil-pjanijiet multiannwali u, b'mod partikolari, jekk huwiex xieraq li jintuża l-Artikolu 43(2) tat-TFUE jew l-Artikolu 43(3). L-Artikolu 43(3) jirriżerva s-setgħa kollha tad-deċiżjoni lill-Kunsill, u jeskludi lill-Parlament. Fis-26 ta' Novembru 2014 il-Qorti tal-Ġustizzja ħarġet sentenza

komuni fuq żewġ każijiet[1] imressqa mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni kontra Deċiżjoni tal-Kunsill relatata mal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fl-ibħra tal-Unjoni Ewropea lill-bastimenti tas-sajd b'bandiera tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva għall-Guyana Franċiża. Din is-sentenza tistabbilixxi preċedent fejn jiċċara li l-Artikolu 43(3) jista' jintuża biss bħala bażi legali għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd kif isir fir-regolamenti tat-TAC u l-kwoti.

Għadha mistennija s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kawża C-124/13 PE/Kunsill dwar ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1243/2012, li jistabbilixxi pjan fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz, fejn il-Parlament isostni li, minħabba l-għan u l-kontenut tiegħu, ir-Regolament kellu jiġi adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE, billi tintuża l-proċedura leġiżlattiva ordinarja mal-Parlament bħala koleġiżlatur; Il-Parlament huwa wkoll kontra d-diviżjoni tal-proposta tal-Kummissjoni, peress li l-Kunsill qasam il-proposta f'żewġ atti leġiżlattivi;

Min-naħa l-oħra, f'April 2014 ġew konklużi x-xogħlijiet tal-grupp ta' ħidma ("task force") interistituzzjonali dwar il-pjanijiet multiannwali. Matul ix-xogħlijiet tagħhom ir-rappreżentazzjonijiet tal-koleġiżlaturi irrikonoxxew l-importanza li jaħdmu flimkien sabiex isibu mod prammatiku biex jimxu 'l quddiem fil-pjanijiet multiannwali filwaqt li jqisu l-opinjonijiet differenti dwar l-interpretazzjoni tal-qafas legali. Kien stmat li l-pjanijiet multiannwali għandu jkollhom qafas solidu u dejjiemi għall-ġestjoni taż-żoni tas-sajd, billi jiġi bbażat fuq l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli. Barra minn hekk għandhom jiġu permessi adattamenti għall-evoluzzjoni tal-istokkijiet tal-ħut, u għandhom jipprovdu flessibbiltà għat-teħid ta' deċiżjonijiet annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

Ġew identifikati bħala elementi komuni tal-pjanijiet multiannwali futuri l-għan tar-Rendiment Massimu Sostenibbli u skeda sabiex jintlaħaq dan l-għan, punt ta' referenza ta' konservazzjoni għall-attivazzjoni tas-salvagwardji, mekkaniżmu ta' adattament għat-tibdil fil-konsulenza xjentifika u klawżola ta' reviżjoni;

Wara r-riforma tal-PKS tal-2013, il-pjanijiet multiannwali għandhom jinkludu bħala għan ir-Rendiment Massimu Sostenibbli u perjodu fejn dan l-għan għandu jintlaħaq. Għandu jkun fihom ukoll miżuri għall-applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-ħut skartat u tal-obbligu tal-ħatt l-art[2], kif ukoll garanziji ta' applikazzjoni ta' miżuri korrettivi u klawżoli ta' reviżjoni. Jistabbilixxu wkoll żewġ għanijiet kwantifikabbli għall-pjanijiet multiannwali: il-mortalità tas-sajd u l-bijomassa tal-istokkijiet għat-tgħammir.

Ir-riforma tal-PKS introduċiet il-projbizzjoni ta' ħut skartat mingħajr ma ġew solvuti r-riġiditajiet inerenti fis-sistema tat-TAC u l-kwoti. Minħabba li huma prevedibbli problemi fiż-żoni tas-sajd imħallta li għandhom speċijiet ta' taħżim ("speċijiet bi kwota limitanti"), jidher li huwa raġonevoli li jiġu privileġġati ċerti strumenti, bħar-regolament tal-isforz tas-sajd, li ma jippreżentawx ir-riġiditajiet tas-sistema tat-TAC u l-kwoti. Barra minn hekk, ir-regolament tal-isforz tas-sajd għandu jiffaċilita l-kisba tal-għan tar-Rendiment Massimu Sostenibbli, fejn jitjiebu r-riżultati ekonomiċi tal-flotta għal mortalità tas-sajd partikolari.

4. Ir-riforma tal-PKS tal-2013

[1] Kawżi C-103/12 PE/Kunsill u C-165/12 Kummissjoni/Kunsill

[2] L-obbligu ta' ħatt l-art. L-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013

Element essenzjali tar-riforma tal-PKS li jaffettwa kemm lill-pjanijiet multiannwali kif ukoll lill-miżuri tekniċi huwa r-reġjonalizzazzjoni[1] jew il-kooperazzjoni reġjonali fuq il-miżuri ta' konservazzjoni. Il-pjanijiet multiannwali jidhru li huma l-aktar mezz xieraq għall-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' miżuri tekniċi speċifiċi fil-kuntest tar-reġjonalizzazzjoni.

Huwa stabbilit li meta tingħata d-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni relatati mal-pjanijiet multiannwali, il-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni jew l-obbligu tal-ħatt l-art, l-Istati Membri kkonċernati u affettwati minn dawn il-miżuri jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti f'perjodu speċifikat. Biex isiru dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti. Il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri rakkomandati permezz ta' atti delegati, iżda tista' wkoll tippreżenta proposti jekk l-Istati Membri kollha ma jaqblux fuq ir-rakkomandazzjonijiet konġunti fil-perjodu stabbilit. Il-Kummissjoni tista' wkoll tippreżenta proposti jekk ir-rakkomandazzjonijiet konġunti ma jitqisux kompatibbli mal-għanijiet u l-miri kwantifikabbli tal-miżuri ta' konservazzjoni. L-uniku rwol li jista' jkollu l-Parlament Ewropew huwa l-possibbiltà li jopponi att delegat fi żmien xahrejn.

Dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda għandhom konsegwenzi fuq il-miżuri tekniċi u ġeneralment huma marbuta mal-pjanijiet multiannwali jew ikunu ġejjin mill-assenza tagħhom u, jiġu solvuti bl-adozzjoni ta' atti delegati mill-Kummissjoni. Pereżempju, meta ma jkunx ġie adottat pjan multiannwali jew pjan ta' ġestjoni għal żona tas-sajd speċifika, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa tadotta atti delegati fejn jistabbilixxu, fuq bażi temporanja u għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet snin, pjan speċifiku ta' ħut skartat li jista' wkoll jinkludi emenda tad-daqsijiet minimi[2].

Min-naħa l-oħra, mar-Regolament dwar l-obbligu tal-ħatt l-art[3], ġew introdotti modifiki għat-tliet Regolamenti reġjonali dwar il-miżuri tekniċi (l-Atlantiku, il-Mediterran u l-Baltiku). Il-pjanijiet għall-ħut skartat saru l-mezz ewlieni għall-introduzzjoni ta' tibdiliet permezz tad-delega ta' setgħat lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tistabbilixxi daqsijiet minimi ta' referenza għall-finijiet tal-konservazzjoni għall-ispeċijiet suġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art permezz ta' atti delegati u, fejn xieraq, li tistabbilixxi eċċezzjonijiet dwar id-daqsijiet minimi ta' referenza. Dan il-każ diġà ngħata fil-pjan għall-ħur skartat tal-Baltiku[4], li naqqas id-daqs minimu tal-merluzz minn 38 ċm għal 35 ċm.

F'ħafna każijiet, id-daqsijiet minimi ta' konservazzjoni għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati. Dan se jiffaċilita l-adozzjoni ta' ċerti miżuri fl-ambitu reġjonali, iżda d-daqsijiet minimi ta' konservazzjoni għandhom rwol li jittraxxendi b'mod konsiderevoli r-reġjonalizzazzjoni, u b'hekk jista' jiġi emendat b'mod konsiderevoli l-iżvilupp tal-pjanijiet multiannwali. Bl-emenda ta' daqs minimu, is-sajjieda għandhom jemendaw it-tekniki tas-sajd, u għandhom jiġu modifikati wkoll il-mortalità tas-sajd u l-piramida ta' etajiet tal-individwi li jrabbu. Fir-Regolament tal-bażi tal-PKS huwa stabbilit li dawn iż-żewġ parametri għandhom ikunu l-għanijiet kwantifikabbli tal-pjanijiet multiannwali[5]. B'emenda

[1] Kooperazzjoni reġjonali dwar miżuri ta' konservazzjoni Artikolu 18. Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013

[2] Artikolu 15(6), Regolament (KE) Nru 1380/2013

[3] L-Artikoli 1(10), 2(5) u 3(5), tar-Regolament (UE) Nru 2015/812 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015

[4] Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1396/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014

[5] L-Artikolu 10(1)(c), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013

tad-daqsijiet minimi f'att delegat se jiġu emendati l-parametri prinċipali tal-pjanijiet multiannwali minn barra tal-pjanijiet infushom. Għandu jitqies li d-daqsijiet minimi għandhom rwol essenzjali fil-kummerċjalizzazzjoni u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd.

5. Il-pożizzjoni tar-rapporteur

5.1. Pjanijiet multiannwali

Il-koleġiżlaturi għandhom isibu mod prammatiku biex jagħmlu progress rapidu fil-pjanijiet multiannwali fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

Barra minn hekk, huwa meħtieġ li tiżdied il-parteċipazzjoni effettiva tal-partijiet interessati fit-tfassil u l-iżvilupp tal-pjanijiet multiannwali.

Fl-aħħar nett, il-pjanijiet multiannwali għandhom jiġu adottati malajr kemm jista' jkun. B'hekk jiġi evitat li l-miżuri fit-tul jiġu rregolati permezz ta' pjanijiet għall-ħut skartat li, minħabba n-natura tagħhom għandu jkun fihom biss miżuri ta' natura provviżorja.

5.2. Miżuri tekniċi

Fir-rigward tal-miżuri tekniċi futuri, għandhom ikunu sempliċi u ċari, sabiex jiffaċilitaw il-fehim mis-sajjieda.

Sa fejn huwa possibbli għandhom jiġu adattati għall-ispeċifiċitajiet ta' kull żona tas-sajd u kull reġjun (reġjonalizzazzjoni).

Madankollu, l-adozzjoni ta' standards komuni għall-baċiri kollha tal-baħar jew għal dawk li mhumiex se jinbidlu f'perjodu raġonevoli ta' żmien għandha ssir mill-koleġiżlaturi tal-UE billi tintuża l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jiġifieri l-kodeċiżjoni.

Fil-fatt, reġjonalizzazzjoni assoluta ma tkunx kompatibbli mal-PKS, bħala politika komuni fejn l-UE għandha l-kompetenza esklużiva minħabba n-natura kondiviża tar-riżorsi

Fl-aħħar nett, hija meħtieġa parteċipazzjoni akbar u aktar effettiva mis-sajjieda fil-proċess deċiżjonali sal-aħħar dettall tal-miżuri tekniċi, kif ukoll il-ħolqien ta' inċentivi biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tagħhom.